# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 26 ta' Ġunju, 2025**

**Numru: 19**

**Rikors numru 505/2013/2 RGM**

**Michelina *sive* Lina Zerafa, Josephine *sive* Jessie Marmarà,**
**Carmel Caruana, Jennifer Caruana, Anthony Caruana**
**v.**
**Maria Lourdes *sive* Lourdes Zammit, Clayton Zammit u**
**Antoine Paul Zammit**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-23 ta' Novembru, 2023 imressaq mill-konvenuti, li permezz tagħha ddikjarat testment null u bla effett minħabba li t-testatriċi ma kellhiex il-fakultajiet mentali meħtieġa skont l-**Artikolu 597(d) tal-Kodiċi Ċivili**.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tat-28 ta' Mejju, 2013 l-atturi fissru li Michelina Zerafa u Josephine Marmarà u l-konvenuti Maria Lourdes Zammit huma aħwa, ulied it-testatriċi Anna Bugeja, li mietet fit-13 ta' Novembru, 2012. L-atturi Carmel Caruana, Jennifer Caruana u Anthony Caruana huma wlied il-mejta Mary Caruana, li tiġi bint it-testatriċi Anna Bugeja iżda li kienet mietet qabilha. Min-naħa l-oħra l-konvenuti Clayton John u Antoine Paul aħwa Zammit huma wlied il-konvenuta Maria Lourdes Zammit.

3. Fissru li permezz ta' testment tal-4 ta' Ottubru, 2012 fl-atti tan-Nutar Antonella Navarro, it-testatriċi ħalliet lil bintha l-konvenuta Maria Lourdes Zammit b'titlu ta' prelegat ġidha kollu, inkluż proprjetà li t-testatriċi kienet taf li mhix kollha tagħha. Barra minn hekk, it-testatriċi ħalliet lill-konvenuti aħwa Zammit id-dritt ta' użu u abitazzjoni tul ħajjithom kollha ta' proprjetà li t-testatriċi ma kinitx sidtha fis-sħiħ. Filwaqt li ħalliet lill-istess atturi eredi universali tagħha.

4. L-atturi jsostnu li huma kienu jieħdu ħsieb lit-testatriċi tul ħajjitha kollha. Jissoktaw jgħidu li t-testatriċi għamlet l-aħħar testment tagħha meta ma kellhiex il-fakultajiet mentali meħtieġa sabiex tagħmel testment u li ma kinitx tippossjedi l-fakultajiet mentali kollha b'mod li setgħet tapprezza dak li kienet qiegħda tagħmel. Iżidu li t-testatriċi kienet mhedda

mill-konvenuti sabiex tiddisponi favurihom. Għaldaqstant jisħqu li t-testment tal-mejta Anna Bugeja huwa null u bla effett.

5. Kien għalhekk li l-atturi fetħu din il-kawża u talbu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«1. Tiddikjara illi meta Anna Bugeja għamlet it-testment tal-4 ta' Ottubru, 2012 fl-atti tan-Nutar Antonella Navarro ma kinitx tippossjedi l-fakultajiet mentali tagħha b'mod li ma setgħetx tapprezza dak li qiegħda tagħmel.*
>
> *2. Tiddikjara illi t-testment suddett fl-atti tan-Nutar Antonella Navarro huwa għalkollox null u bla effett fil-liġi.*
>
> *3. Tagħti dawk id-direzzjonijiet oħra li din il-Qorti jidhrilha xierqa fiċ-ċirkostanzi.»*

6. Il-konvenuti ressqu tweġiba maħlufa fil-25 ta' Ġunju, 2013 u eċċepew hekk:

> *«1. Illi kuntrarjament għal dak li qiegħed jiġi allegat fir-rikors promotur, Anna Bugeja kienet effettivament tippossjedi l-fakultajiet mentali meħtieġa bil-liġi sabiex tkun tista' tapprezza dak li qiegħda tagħmel fit-testment tagħha u ċjoè dak tal-4 ta' Diċembru, 2012 fl-atti tan-Nutar Dott. Antonella Navarro u mhuwiex minnu li kienet għalkollox priva mill-volontà tagħha stante theddid prattikat mill-konvenuti Zammit u dan kif se jiġi ampjament ippruvat waqt is-smigħ tal-kawża;*
>
> *2. Illi għalhekk it-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom stante li l-imsemmi testment huwa wieħed validu għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi;*
>
> *3. Salv eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt. »*

7. B'sentenza mogħtija fit-23 ta' Novembru, 2023, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet il-kawża billi laqgħet it-talbiet attriċi u għaldaqstant sabet li t-testatriċi Anna Bugeja ma kellhiex il-kapaċità testamentarja li

tagħmel it-testment mertu tal-każ u ddikjarat l-istess testment bħala null u bla effett.

8. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti biex taqta' l-kawża b'dan il-mod huma dawn:

> ***«Il-Kondizzjoni Mentali tat-Testatriċi fil-Mument li għamlet it-Testment impunjat.***
>
> *52. L-inkapaċità testamentarja tista' tirriżulta sew minn diżordni mentali, sew minn kundizzjoni oħra li l-liġi ma tispeċifikax b'dan illi kull każ irid jiġi trattat skont il-fattispeċi partikolari tiegħu. Kwalunkwe kundizzjoni, sew diżordni mentali sew kundizzjoni oħra, trid tkun tali li tagħmel li dik il-persuna inkapaċi li tieħu ħsieb ħwejjiġha b'mod partikolari fil-ħin li jsir it-testment. Isegwi għalhekk illi sabiex persuna titqies li ma kellhiex il-fakoltajiet mentali idonei sabiex tagħmel testment mhux meħtieġ li tabilfors li jiġi stabbilit li kellha diżordni mentali. Mill-banda l-oħra però l-kundizzjoni oħra li ma hiex diżordni mentali trid per neċessità tolqot il-fakoltajiet mentali tal-persuna li jimpeduwha mill-kapaċità "di intendere e volere". Dan għaliex kull testment huwa dejjem meqjus mera ta' dak li t-testatur ried f'dak il-mument li jsir minn ġidu wara mewtu.*
>
> *53. Il-Qorti nnominat bħala espert mediku lill-konsulent newroloġiku Dr Anthony Galea Debono sabiex jirrelata dwar jekk mill-provi mressqa jirriżultax jekk it-testatriċi kellhiex il-kapaċità mentali li tagħmel testment. Fil-fehma tal-epert mediku t-testatriċi ma kinitx kapaċi tagħmel testment f'Ottubru 2012. L-espert mediku u l-perit legali irrelataw illi t-testatriċi "kellha kundizzjoni li għamlitha inkapaċi milli tieħu ħsieb ħwejjiġha fil-ħin li sar it-testment, u kwindi kienet inkapaċi milli tiddisponi b'testment ai termini tal-Artikolu 597(d) tal-Kodici Ċivili." In eskussjoni l-espert mediku spjega illi "d-defunta kellha severe expressive dysphasia, li tista' tgħid kien kważi aphasia, u anke marked receptive dysphasia. Mill-videos in atti jirriżulta li d-defunta setgħet tifhem biss mistoqsijiet u ordnijiet basiċi u sempliċi u riedet ħafna għajnuna u prompting sabiex tifhimhom u għalhekk hu improbabbli ħafna li setgħet tifhem il-kontenut u l-implikazzjonijiet tat-testment inkwistjoni."*
>
> *54. Il-Qorti hija rinfaċċjata min-naħa bix-xhieda tat-tabib tal-familja fiż-żmien li t-testatriċi għamlet it-testment tagħha fejn jiċċertifika li t-testatriċi kienet kapaċi tagħmel testment; u min-naħa l-oħra bir-relazzjoni tal-perit mediku fejn irrelata li fil-fehma tiegħu t-testatriċi kienet inkapaċi li tagħmel testment minħabba l-kondizzjoni medika li kienet tbati minnha.*
>
> ......

*56. Kif rajna kien fi Frar 2009, kważi erba' snin qabel għamlet it-testment impunjat, li t-testatriċi sofriet minn puplesija. Dak li sofriet minnu t-testatriċi ġie spjegat b'mod dettaljat u ċar minn Dr James Pocock li eżamina lit-testatriċi meta d-daħlet l-isptar minħabba l-puplesija u sarilha CT scan ta' rasha. Skont Dr Pocock it-testatriċi sofriet "extensive ischemic area, jiġifieri area kbira ta' nuqqas ta' demm fejn ovvjament tkun parti mill-moħħ li mietet tfisser dik, which involves the left front parietal region, jiġifieri n-naħa tax-xellug." Spjega li dik in-naħa tal-moħħ kienet minfuħa wkoll, "biċċa tal-moħħ mejta u nefħa madwarha...." Spjega li f'dik il-kondizzjoni l-pazjent jikkomunika bis-sinjali jew inkella jrid jiġi mistoqsi domandi diretti u jirrispondi bis-sinjali iva jew le. Xehed illi l-pazjenta kienet kapaċi tifhem li tgħidilha però tirrispondi bis-sinjali.*

*57. Fis-sena li tatha l-puplesija ġiet ukoll kurata mill-konsulent gerjatriku Dr Antoine Vella li dam jara lit-testatriċi sa Awwissu jew Settembru tas-sena 2012. Spjega illi wara l-puplesija ir-receptive capacity tat-testariċi kien dokumentat bħala tmenin fil-mija (80%) u dan baqa' jitjieb sakemm kien kważi intatt. Kellha problema sabiex tesprimi ruħha bil-kliem u għalhekk hija kienet tikkomunika bl-użu ta' għajnejha, idejha u rasha. Ikkjarifika illi receptive capacity hija differenti minn cognitive capacity li ma hiex il-mansjoni tiegħu iżda ta' psikjatra. Spjega wkoll illi li jkollok cognitive capacity tajba ma tfissirx bilfors li għandek testamentary capacity li tinkludi l-immaniġjar tal-ġid u l-kapaċità li tagħmel testment.*

*58. Bla dubju, f'kawża ta' din ix-xorta hija ta' importanza u rilevanza massima t-testimonjanza ta' dak il-membru tal-professjoni medika li jkun irrilaxxja ċertifikat mediku speċifikatament sabiex jiċċertifika l-istat ta' saħħa mentali tat-testatur fiż-żmien prossimu qabel sar it-testment. It-tabib tal-familja tat-testatriċi kien it-Tabib Raymond Sciberras. Kienet ilha pazjenta tiegħu għal madwar erbgħin sena. Xi ġimagħtejn qabel ma sar it-testment impunjat huwa kien ġie mitlub jeżamina lit-testatriċi bl-iskop li jirrilaxxja ċertifikat mediku li kapaċi tagħmel testmenmt. Dr Sciberras eżamina lit-testatriċi fit-3 ta' Ottubru, 2012 u r-rilaxxja ċertifikat li jaqra kif isegwi*:

> *"Biex niċċertifika illi Anna Bugeja ta' 78 sena (ID....) u li toqgħod ..... hija mentalment kapaċi li tagħmel testment."*

*59. Tajjeb li jsir aċċenn għal dak li xehed dwar l-eżami mediku minnu kondott sabiex irrilaxxja dak iċ-ċertifikat. Spjega illi saqsiha rigward il-ħin, il-ġurnata, kemm għandha żmien u dan sabiex jistabbilixxi li kienet "konxja kompletament". Spjega li waqt l-eżami mediku it-testatriċi ma tkellmitx iżda irrispondiet bis-sinjali, iva jew le. Li għamel kien billi d-domandi tiegħu isaqsiha jekk riditx tħalli l-affarijiet lil persuna partikolari u hi tirrispondi iva jew le. Qal illi "Mid-domandi li għamiltilha. Jiena naf li din għandha raġuni għaliex, għax dejjem hi kienet tieħu ħsiebha..... Trid turiha, kien hemm it-tifla, għax jiena mat-tifla rajtha." Għal Dr Sciberras it-testatriċi kienet qed tifhmu il-ħin kollu u peress li kien jaf illi l-konvenuta kienet qed tieħu ħsiebha kien jaf li kellha raġuni għaliex riedet tħalli ġidha*

*kollu lill-konvenuta. Xehed illi sabiex seta' jagħmlilha dak l-eżami huwa kien qed jissuġġerilha. Kien jaf illi mill-puplesija ma kinitx irkuprat.*

*60. Fil-fehma tal-Qorti x-xhieda tat-Tabib Sciberras, li anke l-espert mediku ħa konjizzjoni tagħha, ma tiddimostrax li t-testatriċi kellha l-fakoltà mentali li kienet kapaċi tieħu ħsieb ħwejjiġha. Jekk it-Tabib Sciberras deherlu li qed jagħmel eżami kliniku idoneu sabiex jistabbilixxi t-testamentary capacity tat-testatriċi billi jsaqsiha jekk tridx tħalli ġidha kollu lill-konvenuta preżenti ħdejha, il-Qorti ma tqisx illi dak huwa l-mod kif għandu jsir l-eżami kliniku sabiex jiġi stabbilit hemmx jew le testamentary capacity. It-Tabib Sciberras iġġustifika l-mod kif ikkonduċa l-eżami min-naħa tiegħu peress li qal li kien jaf li l-konvenuta kienet qed tieħu ħsiebha u li għalhekk riedet tħallilha ġidha kollu. Iċ-ċertifikat mediku li irrilaxxja sabiex jiġi anness mat-testment hu xott għal-aħħar, letteralment ħames kelmiet "hija mentalment kapaċi illi tagħmel testment".*

*61. Rilevanti wkoll jiġi osservat illi rriżulta li Dr Sciberras ma eżaminax lit-testatriċi dakinhar tat-testment jew lejliet, imma xejn anqas minn ġimagħtejn qabel. Dan għandu rilevanza massima fil-każ in kwistjoni peress illi ftit wara li sar it-testment it-testatriċi ddaħħlet b'emerġenza l-isptar f'kundizzjoni kritika.*

*62. It-**Tabib Alex Gatt**, **medical officer fl-Image Department fl-isptar,** xehed illi huwa lit-testatriċi qatt ma ra iżda ra l-images meħudin l-isptar. Mill-file seta' jgħid illi t-testatriċi kienet daħlet l-isptar fis-6 ta' Novembru, 2012[1] b'uġigħ f'żaqqha. Minn CT scan irrizulta li kemm żaqqha kif ukoll il-musrana ż-żgħira kienu minfuħa ħafna. Spjega illi apparti l-puplesija kienet tbati minn kondizzjonijet mediċi oħra fosthom il-pressjoni; congestive heart failure; problemi fil-kliewi, HR fibrillation ie. il-qalb mhux qed taħdem sew ie. mhux qed tippompja d-demm kif suppost kif ukoll aortic stenois i.e. l-arterja prinċipali ħierġa mill-qalb kienet djieqet. Dawn joħolqu problemi kbar fuq il-qalb u fuq iċ-ċirkolazzjoni tad-demm. Kellha ilma fil-pulmun u ilma f'żaqqha. Ġiet operata dakinhar stess u wara ttieħdet fl-ITU. Ġiet ċertifikata bħala 'a high risk patient'.*

*63. Ix-xhieda ta' Dr Alex Gatt hija ta' rilevanza massima peress li jagħti stampa ċara tal-kondizzjoni medika tat-testatriċi ġimgħa wara li sar it-testment li nneċessitat li tiġi rikoverata fit-taqsima tal-kura intensiva. Indikazzjoni ċara illi f'dawk l-aħħar ġimgħat il-kondizzjoni medika tat-testatriċi kienet qed tmur mill-ħażin għall-agħar.*

*64. Il-Qorti ma ssibx raġuni għaliex għandha twarrab il-fehma espressa mill-espert mediku. Qabel ma wasal għall-konklużjonijiet tiegħu l-espert mediku kellu l-opportunità li jeżamina x-xhieda kollha mressqa mill-partijiet, b'mod partikolari tat-tobba kollha li xehedu inkluż tat-tabib tal-familja tat-testatriċi; jeżamina il-kontenut tal-files mediċi tat-testatriċi kif ukoll recordings anke viżwali tat-testatriċi.*

---

[1] Xahar wara li għamlet it-testment u ġimgħa qabel mietet

*65. Opportun jiġi puntwalizzat illi rinfaċjati bil-konklużjonijiet tal-perit mediku, il-konvenuti l-ewwel resqu talba għal perizja perizjuri, imbagħad irtirawha. Bil-konsegwenza illi ntilfet l-opportunità li jkun hemm għarbiel ieħor ta' dan l-aspett tant kruċjali tal-vertenza.*

*66. Opportun jiġi puntwalizzat ukoll illi l-konklużjoni tal-perit mediku hija sa ċertu punt imsaħħa mill-konsiderazzjoni illi fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, id-dispożizzjonijiet testamentarji fit-testment impunjat ma jistgħux jitqiesu oġġettivament raġjonevoli jew oġġettivament razzjonali. Huwa minnu li fit-testment jingħad illi t-testatriċi qed tħalli l-prelegat lill-konvenuta minħabba li hi u wliedha ħadu ħsiebha, però anke hawn it-tieni artikolu tat-testment ma jirriflettiex dak li verament seħħ għaliex fih jingħad illi l-konvenuta u wliedha "ilhom jieħdu ħsiebha matul ħajjitha kollha". (sottolinear tal-Qorti). Anke li kieku tnizzel li ilhom jieħdu ħsiebha "matul ħajjithom kollha" kienet tkun esaġerazzjoni.*

*67. Dwar it-test tar-raġjonevolezza tad-dispożizzjonijiet testamentarji f'xenarju fejn testment qed jiġi impunjat minħabba nuqqas ta' kapaċità testamentarja, rilevanti jiġi wkoll osservat illi jirriżulta mill-atti li kemm kienet ilha l-konvenuta tirrisjedi mat-testatriċi, jew vice versa, il-konvenuta kienet qed isarraf iċ-cheque tal-pensjoni ta' ommha u allura xi forma ta' kumpens kienet diġà qed tirċievi.*

*68. F'dan il-kuntest joħroġ ukoll in-nuqqas ta' raġonevolezza tad-dispożizzjonijiet testamentarji meta jitqies illi l-prelegat imħolli lill-konvenuta ma kienx ikopri biss is-sehem mill-assi tat-testatriċi iżda anke s-sehem li ma kienx tagħha u dan permezz ta' legat di cosa altrui.*

*69. Huwa minnu illi l-kejl tar-raġonevolezza ta' dispożizzjonijiet testamentarji ma hux waħdu determinanti dwar il-kapaċità mentali tat-testatriċi, però meħud in konsiderazzjoni illi sal-jum tal-mewt tagħha wlied it-testatriċi kollha kienu f'relazzjoni ottima sew bejniethom sew ma' ommhom bl-atturi jżuru lill-ommhom jew nannthom regolarment diversi drabi fil-ġimgħa jassistu wkoll f'dak li kien hemm bżonn, jikkorrobora dak li ġie konkluż mill-espert mediku. Kif miżmum fil-ġurisprudenza fuq ċitata in-nuqqas ta' razzjonalità fid-dispożizzjonijiet testamentarji jxaqilbu l-miżien lejn inkapaċità testamentarja.*

*70. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom l-atturi jsostnu illi ġie ppruvat li meta sar it-testment, xhud li ġiet indikata preżenti fuq il-kopja tat-testment ma kinitx hemm fl-ebda ħin, filwaqt li t-tieni xhud kien preżenti għal parti biss u mhux għall-qari tat-testment kollu. Il-Qorti mhix ser tikkonsidra tali sottomissjoni peress li l-mertu tagħha ma jinkwadrax ruħu la fil-premessi tal-atti promotur u lanqas fit-talbiet attriċi. L-atturi kellhom żmien sufficjenti sabiex jekk deherilhom li l-provi akkwiżiti kienu qed juru dak li allegaw fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, li jitolbu żieda fil-premessi u/jew fit-talbiet attriċi. Ma għamlu xejn minn dan u għalhekk il-Qorti ma ser tikkunsidraha.»*

9. Illi l-konvenuti appellaw minn din is-sentenza b'rikors tat-22 ta' Diċembru, 2023 bi tliet aggravji.

10. L-atturi appellati ressqu tweġiba fid-29 ta' Jannar, 2024 fejn taw ir-raġunijiet għala l-appell għandu jiġi miċħud.

11. Il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

12. Qabelxejn, il-prinċipji ġenerali li għandhom imexxu lil din il-Qorti huma dawn li ġejjin.

13. L-**Artikolu 596(1) tal-Kodiċi Ċivili** jipprovdi li: *«Dawk kollha li mhumiex magħduda inkapaċi taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi, jistgħu jiddisponu jew jirċievu b'testment.»*

14. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Ġunju, 1884 fil-kawża fl-ismijiet ***Giuseppe Borg et v. Marianna moglie di Antonio Cini et*** qalet li,

> *«Attesocché, per la capacità di testare, è l'integritas mentis, non corporis, che si richiede, a meno che il vizio fisico non fosse tale da affettare sfavorevolmente l'intelligenza, perché nel resto, per quanto gravi possa essere l'infermità, se non altera le funzioni della intelligenza, se il malato può comunicare il suo pensiero, è, per riguardo a volontà del*

> *testamento indifferenti che il testatore sopraviva allo stesso, o muoia dopo poche ore, anzi anche istantaneamente dopo il perfenzionamenti dello stesso; il diritto di testare, pel capace a farlo, non cessa che colla vita dello stesso.»* (L-**Alfabett tal-Kodiċi Ċivili** per **Imħallef Emeritus Dr Philip Sciberras**, Volum E-J).

15. L-**Artikolu 597 tal-Kodiċi Ċivili** mbagħad jispeċifika min huwa inkapaċi li jiddisponi minn ġidu b'testment.

16. Fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-23 ta' Frar, 2022 fil-kawża fl-ismijiet ***Peter Ellul et v. Angela Ellul et***, saret referenza għall-prinċipji li ġew stabbiliti mill-Qrati tagħna fil-każijiet ta' impunjazzjoni ta' atti testamentarji minħabba l-allegata inkapaċità mentali tat-testatur li ssemmew mill-Ewwel Qorti:

> *«i. Il-preżunzjoni "iuris tantum" hija li t-testatur kellu l-kapaċità li jagħmel it-testment u għalhekk kwalunkwe allegazzjoni li t-testatur ma kellux tali kapaċità trid tiġi pruvata b'mod xieraq;*
>
> *ii. Tkun inkapaċi milli tagħmel testment dik il-persuna li fiż-żmien tal-att ma tkunx f'sensiha, u l-inkapaċità għandha tiġi ppruvata minn min irid iwaqqa' t-testment;*
>
> *iii. Biex persuna tkun kapaċi tagħmel testment mhux neċessarju li tkun perfettament u rigorożament sana minn moħħha, iżda hu biżżejjed li jkollha l-użu tar-raġuni fi grad tali li tkun taf x'inhi tagħmel;*
>
> *iv. Biex jiġi stabbilit li l-persuna ma kinitx f'sensiha jridu jirriżultaw indizji gravi;*
>
> *v. Biex jitħassar testment irid jirriżulta b'mod ċert u minn fatti preċiżi li ma jħallu l-ebda dubju li l-inkapaċità kienet teżisti fil-ħin li l-persuna kienet qed tagħmel l-att.»*

17. Permezz tal-**<u>ewwel aggravju</u>**, l-appellanti jsostnu li jirriżulta b'mod ċar li permezz tal-kawża tal-lum l-atturi qegħdin jattakkaw il-validità tal-aħħar testment li sar minn Anna Bugeja bażikament għal tliet raġunijiet,

u ċjoè għaliex fil-mument li ġie redatt it-testment: *«hija ma kellhiex il-fakultajiet mentali meħtieġa sabiex tagħmel testment skont il-liġi u lanqas ma kienet tippossjedi l-fakultajiet mentali kollha b'mod li setgħet tapprezza dak li qiegħda tagħmel u li inoltre kienet mhedda mill-intimati Zammit sabiex tiddisponi favur tagħhom.»* Għaldaqstant isostnu li l-allegazzjonijiet imressqa min-naħa tal-atturi huma diversi u jinsabu f'kontradizzjoni serja ma' xulxin, liema kontradizzjoni skonthom hija bil-wisq relevanti għas-soluzzjoni ta' din il-vertenza. Jgħidu li ġie miżmum bosta drabi fil-ġurisprudenza li f'każijiet fejn qiegħed jiġi impunjat testment mhux konċess li l-atturi jallegaw l-inkapaċità mentali tat-testatur u fl-istess nifs isostnu li t-testatur ġie mhedded. Jisħqu li l-Ewwel Qorti naqset għalkollox milli tqis u/jew tikkunsidra dan il-punt tant importanti, u għalkemm saret sottomissjoni proprju fuq dan il-punt quddiem l-istess Qorti, jidher li s-sentenza appellata hija siekta f'dan ir-rigward.

18. Din il-Qorti bla tlaqliq ta' xejn tgħid li dan l-aggravu mhux biss mhux siewi iżda huwa fieragħ għalkollox u dan għal bosta raġunijiet. Hekk kif l-Ewwel Qorti fissret fis-sentenza tagħha, fil-paragrafu numru 17,

> *«L-ewwel u qabel kollox il-Qorti tippuntwalizza illi għalkemm fil-premessi tagħhom l-atturi jallegaw illi t-testatriċi "kienet mhedda mill-konvenuti Zammit sabiex tiddisponi favurihom"; ma saret l-ebda talba f'dan ir-rigward. Għalhekk il-mertu huwa wieħed, l-allegazzjoni tal-atturi illi t-testatriċi "ma kinitx tippossjedi l-fakultajiet mentali tagħha" meta għamlet it-testment tagħha b'tali mod "li ma setgħetx tapprezza dak li qiegħda tagħmel.»*

19. Għalkemm l-atturi semmew fl-għaxar premessa tar-rikors maħluf li t-testatriċi ma kinitx tippossjedi l-fakultajiet mentali kollha b'mod li setgħet tapprezza dak li qiegħda tagħmel u li barra minn hekk kienet mhedda mill-konvenuti sabiex tiddisponi favurihom, biss però kif diġà rajna aktar 'il fuq fit-talbiet ma saret l-ebda talba speċifika li t-testment għandu jiġi dikjarat null minħabba vjolenza.

20. Fuq kollox, kif ingħad minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tat-3 ta' Ottubru, 2024, fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Zammit et v. Paul Caruana et***, dak li tassew iħoll u jorbot kollox huwa dak li jitniżżel mill-attur fil-premessi u fit-talbiet tar-rikors maħluf li bih titnieda l-kawża (ara ***Edward Keninwenimo Etete v. Mediatoday Company Limited*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Jannar, 2024). Kif ingħad ħafna drabi, huwa biss dak li jitniżżel fir-rikors maħluf li għandu jistabbilixxi l-qafas li fih il-Qorti għandha tħaddem il-ġudizzju tagħha (ara ***Anthony Busuttil et v. Jennifer sive Wendy Busuttil et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Jannar, 2024; u ***Mercury p.l.c v. Ian Galea*** wkoll deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar is-6 ta' Frar, 2025).

21. Hija ġurisprudenza kostanti li filwaqt li l-attur li jistitwixxi kawża huwa fil-libertà li jiddeċiedi n-natura tal-azzjoni li permezz tagħha jadixxi l-Qorti, hija daqstant ieħor ġurisprudenza kostanti illi l-Qrati Superjuri huma marbuta li jiddeċiedu l-kawżi fuq dak li jiġi premess u mitlub fir-rikors ġuramentat. Il-Qorti ma għandhiex tiddeċiedi fuq xi ħaġa oħra li

għalkemm tkun irriżultat fil-kors tas-smigħ tal-kawża, ma tidħolx sewwa fit-talba kif imfissra u mressqa mill-attur. Altrimenti s-sentenza tkun *ultra* jew *extra petita* u b'hekk tiġi li ma tiswiex. Fl-istess ħin, huwa miżmum illi ma jirrendix sentenza milquta bil-vizzju tal-*ultra* jew *extra petita* meta fis-sentenza ma tintlaqax it-talba attriċi fl-intier tagħha dejjem, jekk dak milqugħ jista' ġuridikament jiġi kkunsidrat li huwa nkluż fit-talba kif imressqa mill-attur (ara s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***Wintrade Limited v. Aparthotels Limited et*** mogħtija fit-30 ta' Novembru, 2022; ***Maryanne Vella v. Brian Zammit et*** deċiża fil-31 ta' Mejju, 2023; u ***Christopher Caruana v. P & J Co Ltd*** deċiża fis-6 ta' Frar, 2024).

22. Jiġi b'hekk li l-Ewwel Qorti għamlet sew li ladarba ma kellha l-ebda talba dwar allegata vjolenza fuq it-testatriċi qieset il-każ bil-mod kif stħarrġitu. Iżda mhux biss, jekk l-appellanti tant kienu konvinti minn dan il-punt, kien nuqqas tagħhom li ma ressqu l-ebda eċċezzjoni fir-risposta maħlufa tagħhom dwar din l-allegata kontradittorjetà. Kwalunkwe sottomissjoni li setgħu għamlu dwar dan kienet fil-vojt għaliex l-Ewwel Qorti ma kellha ebda eċċezzjoni formali f'dan is-sens u għalhekk ma setgħetx tidħol f'din il-kwistjoni.

23. Kemm hu hekk, ġie mtenni fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell mogħtija fil-25 ta' April, 2024 fl-ismijiet ***Raymond Mallia et v. Mansueto Zammit et*** li:

*«Huwa prinċipju mill-aktar bażiku fil-liġi tal-proċedura, li f'dawk il-kawżi li jitressqu b'rikors ġuramentat, l-eċċezzjonijiet kollha, sew jekk dilatorji, kif ukoll dawk fil-mertu, għandhom jingħataw mill-ewwel fir-risposta ġuramentata (ara **l-Artikolu 728 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**). Fil-fatt ingħad kemm-il darba, li la huwa korrett u lanqas ma huwa permess bil-liġi tal-proċedura, li parti mħarrka tqajjem difiżi ġodda, jekk ma jkunux ingħataw b'eċċezzjoni formali fit-tweġiba maħlufa għall-kawża, jew inkella permezz ta' xi eċċezzjoni ulterjuri li titressaq bil-barka tal-Qorti (ara **Santumas Shareholdings plc v. C&M Contractors Limited** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Frar, 2024). Dan kollu jgħodd sakemm l-eċċezzjoni li tfaqqas f'salt, la tkun waħda ta' bixra perentorja u lanqas ma tkun waħda li bil-liġi tista' titqajjem f'kull waqt tal-kawża (ara **Palm Shipping Agency Limited v. Korporazzjoni Enemalta** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Ġunju, 2023)».*

24. Għaldaqstant dan l-ewwel aggravju qiegħed jiġi miċħud.

25. Imiss issa li jiġu mistħarrġa t-**<u>tieni</u>** u t-**<u>tielet aggravji</u>** li peress li huma marbuta ma' xulxin se jitqiesu f'daqqa.

26. Permezz tat-**<u>tieni aggravju</u>**, l-appellanti jilmentaw mill-fatt li l-Ewwel Qorti straħet wisq fuq il-konklużjonijiet tar-rapport peritali u dan filwaqt li warrbet volum kbir ta' provi oħra li jagħtu sostenn lit-teżi tagħhom. Jgħidu li l-minimu mistenni kien li jitwettaq eżami tal-provi kollha mressqa f'dan il-każ sabiex b'hekk min għandu jiddeċiedi jkollu stampa ċara jekk ir-rapport peritali hux riċerkat, motivat u li l-konklużjonijiet tiegħu huma oġġettivi u kif għandu jkun.

27. Jissoktaw jgħidu li għalkemm huwa minnu li fil-konsiderazzjonijiet tagħha l-Ewwel Qorti rreferiet għal dak li ntqal minn uħud mix-xhieda mressqa, din ir-referenza saret b'mod selettiva għall-aħħar u f'ċertu bnadi anke b'mod żbaljat. Jirreferu għas-silta dwar ix-xhieda ta' Dr Alex Gatt fis-

sentenza u jgħidu li meta l-Ewwel Qorti tenniet li x-xhieda tiegħu tagħti stampa ċara tal-kundizzjoni medika tat-testatriċi, dan m'għandux mis-sewwa għaliex aktar kmieni fis-sentenza appellata stess ingħad li Dr Gatt jixhed li qatt ma ra lit-testatriċi u seta' jixhed biss fuq dak li huwa ra mill-fajl tagħha mill-mument li kienet daħlet l-isptar fis-6 ta' Novembru, 2012 (aktar minn xahar wara d-data t-testment) 'il quddiem. Jiġi b'hekk li dan ix-xhud seta' jixhed biss fuq żmien wara d-data tat-testment u allura ma kienx f'qagħda li jgħid x'kienet il-kapaċità testamentarja tal-attriċi fil-mument li fih kien qiegħed isir it-testment. B'żieda ma' dan, imkien ma semma li t-testatriċi kienet daħlet l-isptar fuq problemi relatati mal-moħħ.

28. L-appellanti jirreferu wkoll għax-xhieda tat-Tabib Raymond Sciberras u ċ-ċertifikat mediku maħruġ minnu. Jgħidu li l-Ewwel Qorti mhux biss warrbet ix-xhieda tiegħu u ċ-ċertifikat maħruġ minnu, talli kienet għalkollox żbaljata meta tgħid li ċ-ċertifikat mediku nħareġ minn tal-anqas ġimagħtejn qabel id-data tat-testment u dan peress li mill-provi jirriżulta li l-imsemmi ċertifikat inħareġ proprju lejliet il-ġurnata li fiha sar it-testment. Għalhekk jgħidu li l-Ewwel Qorti ma kellhiex twarrab dan iċ-ċertifikat li huwa l-aqwa prova li t-testatriċi kienet mentalment kapaċi fil-mument tat-testment.

29. L-appellanti jilmentaw ukoll fuq il-kumment tal-Ewwel Qorti dwar in-nuqqas tagħhom li jinsistu fuq it-talba għall-ħatra ta' periti perizjuri. Jgħidu li l-fatt li ma ntalbitx perizja perizjuri bl-ebda mod ma kellu jintuża

kontrihom u dan billi ma kellhom hemm ebda obbligu li jinsistu fuq dik it-talba u b'daqshekk ma jfissirx li huma kienu qegħdin jaċċettaw il-konklużjonijiet milħuqa fl-ewwel perizja.

30. Għal dak li huwa l-aħħar aggravju, l-appellanti jgħidu li l-Ewwel Qorti ma kellhiex issib li fil-mument li kien qiegħed isir it-testment, Anna Bugeja kienet nieqsa mill-kapaċità testamentarja. Jissoktaw jgħidu li mill-provi miġbura jirriżulta proprju l-kuntrarju. Kien jaqa' fuq spallejn l-atturi li jippruvaw li fil-mument li kien qiegħed isir it-testment Anna Bugeja ma kellhiex kapaċità testamentarja u skonthom din il-prova ma saritx. Jgħidu li l-provi li tressqu kienu jagħtu stampa ċara tal-marda li ħakmet lit-testatriċi u tal-effetti li din ħalliet fuqha fiżikament, iżda qajla dawn il-provi xeħtu dawl dwar l-effett li kellha l-marda fuq il-kapaċità testamentarja tat-testatriċi, u dan wisq aktar fil-mument meta għamlet it-testment. Jirreferu għax-xhieda tat-Tabib Raymond Sciberras (tabib kuranti tal-mejta), tat-Tabib James Pocock u tan-Nutar Antonella Navarro li minnhom kellu jirriżulta li t-testatriċi baqgħet mentalment kapaċi u kienet konxja ta' dak li kienet qiegħda tagħmel fil-mument tat-testment.

31. Din il-Qorti minnufih tgħid illi mhux minnu dak li qegħdin isostnu l-appellanti li l-Ewwel Qorti straħet wisq fuq ir-rapport peritali mingħajr ma għarblet u qieset sew il-provi mressqa. Jirriżulta li l-Ewwel Qorti rreferiet għax-xhieda u l-provi li tressqu. Imbagħad irreferiet għal-liġi u l-ġurisprudenza u għal dawk ix-xhieda li kienu ta' rilevanza għall-għarbiel

tagħha partikolarment dawk tat-tobba nkluż tat-Tabib Raymond Sciberras. Ma qabditx u ħaddnet ir-rapport tal-esperti b'għajnejha magħluqa. Huwa ovvju għal din il-Qorti, li l-Ewwel Qorti wara li eżaminat il-provi kienet konvinta li l-konklużjoni tal-esperti maħtura minnha kienet waħda tajba.

32. Għal dak li huwa l-kumment fuq il-fatt li ma talbux il-ħatra ta' periti perizjuri bl-ebda mod ma jista' jitqies li kien xi kumment żejjed. Jirriżulta mill-atti li l-appellanti talbu għall-ħatra ta' periti addizzjonali, iżda permezz ta' nota tat-30 ta' Novembru, 2022 (paġna 334) ma nsistewx aktar fuq din it-talba. L-appellanti però għamlu mistoqsijiet b'eskussjoni u l-periti wieġbu bil-miktub (paġni 328 sa 332 tal-proċess).

33. Hekk kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-15 ta' Frar, 2002, fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Jeremy J. Debono noe v. Pool & Spa Limited***, huwa magħruf li min ma jagħmilx użu mill-mezzi legali disponibbli sabiex jikkontrasta rapport tal-perit tal-Qorti, ma jistax imbagħad jippretendi li l-Qorti twarrab dak ir-rapport, sempliċiment peress li parti ma taqbilx miegħu (ara f'dan is-sens is-sentenzi ta' din il-Qorti tas-27 ta' Frar, 2015, fil-kawża fl-ismijiet ***George Muscat v. Helen Xerri et***, dik tas-16 ta' Diċembru, 2019, fl-ismijiet ***Felix Mifsud et v. Tonio Cuschieri et*** u tat-12 ta' Lulju, 2023 fl-ismijiet ***Victor Privitiera v. Mohammed Aldeeb et***).

34. Hekk ukoll, il-perizja teknika għandha fiha nnifisha piż probatorju li ma jistax jiġi mwarrab kif ġieb u laħaq. Il-konvinzjoni kuntrarja tal-Qorti trid tkun waħda infurmata sew u trid tkun ukoll imsejsa fuq raġunijiet li jpoġġu f'dubju serju l-fehma teknika li tkun ġiet imressqa quddiemha mill-esperti mqabbda minnha (ara f'dan is-sens is-sentenzi ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Asset Investments Ltd v. Awtorità tad-Djar*** tat-13 ta' Ottubru, 2022, kif ukoll dik fl-ismijiet ***Doreen Galea Souchet v. Joseph Farugia proprio et nomine*** deċiża fil-31 ta' Mejju, 2023).

35. Din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti, ma tqisx li għandha twarrab il-konklużjonijiet milħuqa mill-esperti, għaliex hija konvinta wkoll li t-testatriċi ma kinitx f'qagħda li kellha l-kapaċità mentali sabiex tagħmel testment. Din il-konklużjoni mhux imsejsa fuq il-fatt li t-testatriċi ma kinitx titkellem sew, għaliex dan fih innifsu ma jistax jeskludi *a priori* l-kapaċità testamentarja. Kemm hu hekk, huwa magħruf li testment għandu jitqies li huwa validu jekk minkejja li sar minn persuna li ma tkunx perfettament sana minn moħħha, hija filwaqt li sar it-testment kellha l-użu tar-raġuni fi grad tali li tippermettilha li tkun taf x'inhi tagħmel (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***Peter Ellul et v. Angela Ellul et*** maqtugħa fit-23 ta' Frar, 2022).

36. Biss però, meta nduru għall-każ tagħna, fl-ewwel lok, hemm il-konklużjoni tal-espert mediku u kif ukoll ix-xhieda tal-professjonisti li mix-

xhieda tagħhom jirriżulta li għalkemm Anna Bugeja kienet tifhem, però kienet tifhem affarijiet sempliċi ħafna. Il-puplesija li ħakmitha kienet waħda gravi ħafna. Dan huwa fatt li ma jistax jiġi merut.

37. Dan jirriżulta b'mod ċar ħafna mill-provi mressqa. Fil-qosor, jirriżulta li sar testment minn Anna Bugeja nhar l-4 ta' Ottubru, 2012 għall-ħabta ta' nofsinhar ġewwa *penthouse* f'San Pawl il-Baħar imħejji min-Nutar Dr Antonella Navarro. F'dan it-testment ġie dikjarat li t-testatriċi kienet fil-pjeni poteri mentali tagħha u kapaċi skont il-liġi kif jirriżulta miċ-ċertifikat mediku mehmuż mal-istess testment, liema ċertikat sar mit-Tabib kuranti tal-mejta, Dr Raymond Sciberras, ġurnata qabel (paġni 7 sa 11 tal-proċess).

38. F'dan it-testment insibu li t-testatriċi rrevokat kull testment ieħor li sar magħmul minnha u ħalliet b'titlu ta' prelegat lil bintha l-konvenuta (b'legat ta' ħaġa ta' ħaddieħor) konsistenti fi:

(i) proprjetà immobbli ċjoè d-dar numru 22 u 24, Triq il-Qrendi, Żurrieq inkluż l-affarijiet kollha mobbli li jinsabu fiha u l-ġnien u għalqa retroposta, inkluża l-arja tagħha, inkluż l-affarijiet mobbli li jinsabu mill-għatba 'l ġewwa, inkluż deheb, fidda, ħaġar prezzjuż, flus kontanti u kwalunkwe titlu li jirrappreżentaw flus. Jingħad li l-imsemmija mobbli li jinsabu ġewwa din il-proprjetà kienu mixtrija mill-istess konvenuta;

(ii) garaxx bin-numru 231 bl-isem 'St. Anne Garage', fi Vjal Blue Grotto, ġewwa ż-Żurrieq inkluż l-affarijiet mobbli li jinsabu ġo fih, eskluża l-arja tiegħu, inkluż il-kmamar li jinsabu ġewwa l-garaxx u l-ġnien retropost, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu;

(iii) kwalunkwe flus kontanti, flus, titli li jirrappreżentaw flus, *bonds* u *shares*, deheb, fidda u ħaġar prezzjuż. Ingħad li t-testatriċi ddikjarat li dawn huma proprjetà parafernali tagħha eskluż id-deheb li ma kienx kollu tagħha iżda riedet li jiġi konsenjat lill-konvenuta;

(iv) kwalunkwe ċnus dovuti lilha; u

(v) kwalunkwe proprjetà jew ishma ġejjin mill-wirt tal-ġenituri tat-testatriċi, kif ukoll kwalunkwe ishma li hija kellha mill-fond bin-numru 110 u 112, fi Triq Il-Kbira, ġewwa ż-Żurrieq. Ġie ddikjarat li dawn il-proprjetajiet huma parafernali tagħha. Ingħad li t-testatriċi ħalliet dan il-legat lil bintha Maria Lourdes *sive* Lourdes Zammit bis-sostituzzjoni vulgari ta' wliedha l-konvenuti l-oħra għaliex din bintha flimkien ma' wliedha kienu ilhom jieħdu ħsiebha matul ħajjithom kollha u b'hekk bħala tpattija tas-serviġi.

39. It-testatriċi ħalliet ukoll lill-konvenuti neputijiet tagħha u kwalunkwe tfal naxxenti u naxxituri d-dritt ta' użu u abitazzjoni tul ħajjithom kollha tad-dar residenzjali tagħha, ċjoè dik li ġġib in-numru 22 u 24, fi Triq il-Qrendi,

ġewwa ż-Żurrieq. Fl-aħħar nett, Anna Bugeja nnominat u istitwiet bħala eredi universali tagħha lil uliedha l-atturi Michelina Zerafa u Josephine Marmarà flimkien mal-konvenuta fi kwota ta' kwart indiviż kull wieħed u lill-atturi l-oħra Carmel Caruana, Jennifer Caruana u Anthony Caruana (ulied il-mejta Mary Caruana) għall-bqija tal-kwart indiviż bejniethom.

40. Mir-rapport imħejji jirriżulta li l-Perit Legali l-Avukat Dr Ian Vella Galea u l-espert mediku Dr Anthony Galea Debono wettqu għarbiel tal-istess provi b'mod tajjeb ħafna. Kemm hu hekk fissru li:

> *«Jirriżulta li fi Frar 2009, u kwindi qabel ma sar it-testment inkwistjoni, it-testatriċi Anna Bugeja kienet sofriet minn puplesija severa[2] b'riżultat li 'mietet' il-parti tax-xellug ta' moħħha (left front parietal region)[3] li jikkontrolla behavioural patterns u anke motor functions[4], bħal per eżempju l-wiċċ. Dan ġie kkonfermat mis-CT Scans li saru kemm fi Frar 2009 u anke f'Marzu 2011[5]. Dan wassal għal severe expressive aphasia u ċjoè li Anna Bugeja ma setgħetx titkellem però setgħet tifhem u tobdi commands[6] sempliċi[7]. Wara l-puplesija jidher li kien hemm xi titjib żgħir fil-kundizzjoni tagħha, però sa żmien sena jew sena u nofs wara l-puplesija Anna Bugeja laħqet il-potenzjal tagħha u baqgħet l-istess[8].*
>
> *Jirriżulta li kellha problema biex tifforma l-kliem u li setgħet biss titkellem kelma kelma b'diffikultà u l-kliem mhux dejjem kien jinftiehem inkwantu din il-kondizzjoni kellha effett fuq kif tipproċessa l-lingwa[9]. Jirriżulta wkoll li kienet tippersisti sakemm il-persuna li magħha kienet qed tikkomunika tifhem il-messaġġ li qed tipprova twassal[10], bħal per eżempju tagħmel sinjal b'rasha jew tbiddel l-espressjoni ta' wiċċha[11]. Kellha wkoll problema biex tifhem u ċertu diskors kumpless kien diffiċli għaliha[12].*

[2] *Xhieda tal-occupational therapist Demis Cachia – 12/12/14, pġ 2*
[3] *Xhieda tat-tabib James Pocock – 18/09/14, pġ 2*
[4] *Xhieda tar-radiolodist Alexander Gatt – 12/10/15, pġ 3*
[5] *Xhieda tar-radiolodist Alexander Gatt – 12/10/15, pġ 3*
[6] *Xhieda tat-Tabib James Pocock – 18/09/14, pġ 5*
[7] *Xhieda tal-physiotherapist Daniel Goggi – 12/12/14, pġ 4*
[8] *Xhieda tal-occupational therapist Demis Cachia – 12/12/14, pġ 4*
[9] *Xhieda tal-ispeech therapist Alex Gobey – 12/12/14, pġ 2*
[10] *Xhieda tal-occupational therapist Demis Cachia – 12/12/14, pġ 6*
[11] *Xhieda tal-occupational therapist Demis Cachia – 12/12/14, pġ 3, 6*
[12] *Xhieda tal-ispeech therapist Alex Gobey – 12/12/14, pġ 3*

*Kienet kapaċi tifhem li xi ħadd qiegħed jinkiha jew jiċċajta magħha[13], però kunċetti astratti setgħu kienu ta' diffikultà għaliha[14].*

*It-tabib Dr Antoine Vella, Consultant Geriatrician, xehed li kien jara lil Anna Bugeja regolarment sa madwar Awwissu 2012. Fil-perjodu immedjatament wara l-puplesija r-receptive capacity tagħha, u ċjoè kemm tifhem, kien dokumentat li kien ġa ta' 80% u kwindi kien tajjeb ħafna u dan baqa' jitjieb sa kemm kien kważi intatt. Dr Vella xehed li però Anna Bugeja kien għad kellha problema sabiex tesprimi ruħha bil-kliem għalkemm kienet tikkomunika bl-użu ta' għajnejha, idejha u rasha. Dr Vella spjega li baqa' jara lil Anna Bugeja sa Awwissu jew Settembru 2012 u li sa dakinhar il-cognitive capacity tagħha, li hu differenti mir-receptive capacity, kien għadu tajjeb. Dr Vella spjega però li cognitive capacity lanqas ma jfisser testamentary capacity, li tinkludi management of estate u li tagħmel testment. Skont Dr Vella d-differenza bejn cognitive capacity u testamentary capacity ma tfissirx grad għola ta' ħsieb minn ieħor, għalkemm testamentary capacity, «is an area which carries more weight and requires more skills.»[15] inkwantu trid tifhem il-valur tal-assi tiegħek. Dr Vella spjega li hu u t-tobba fit-team tiegħu ma ġewx mistoqsija fir-rigward tat-testamentary capacity ta' Anna Bugeja.»*

41. Wara li rreferew għal dak li qalu x-xhieda, għal-liġi u għat-tagħlim ġurisprudenzjali, l-esperti kkonkludew:

*«Għalhekk, fl-opinjoni tal-esponenti jirriżulta li t-testatriċi kellha kundizzjoni li għamlitha inkapaċi milli tieħu ħsieb ħwejjiġha fil-ħin li sar it-testment, u kwindi kienet inkapaċi milli tiddisponi b'testment ai termini tal-Artikolu 597(d) tal-Kodiċi Ċivili.»*

42. Meta mistoqsi fl-eskussjoni, l-Espert Mediku Anthony Galea Debono wieġeb hekk (ara paġni 328 sa 332 tal-proċess):

*«Il-perit mediku ġie mistoqsi jekk, minkejja l-puplesija li sofriet it-testatriċi, setgħetx tifhem x'inhu jiġri madwarha fil-ħajja ta' kuljum u tagħraf x'inhi tagħmel, kienitx kapaċi tiġġenera xewqa jew rieda u jekk kellhiex il-kapaċità li tilħaq intenzjonijiet speċifiċi. F'dan ir-rigward jiġi rilevat li d-defunta kellha severe expressive dysphasia, li tista' tgħid kien kważi aphasia, u anke marked receptive dysphasia. Mill-videos in atti jirriżulta li d-defunta setgħet tifhem biss mistoqsijiet u ordnijiet bażiċi u sempliċi u riedet ħafna għajnuna u prompting sabiex tifhimhom u*

[13] *Xhieda tal-occupational therapist Demis Cachia – 12/12/14, pġ 9*
[14] *Xhieda tal-ispeech therapist Alex Gobey – 12/12/14, pġ 3*
[15] *Xhieda ta' Dr Antoine Vella – 13/06/18, pġ 2*

> *għalhekk hu improbabbli ħafna li setgħet tifhem il-kontenut u l-implikazzjonijiet tat-testment.»*

43. Fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti tqis li għalkemm huwa minnu dak li jgħidu l-appellanti dwar iċ-ċertifikat tat-Tabib Raymond Sciberras li ħareġ ġurnata qabel ma sar it-testment u mhux ġimagħtejn qabel, biss però dan mhux xi żball invinċibbli jew li kien determinanti għall-konklużjoni tal-każ.

44. Għal dak li hija x-xhieda tan-Nutar Antonella Navarro (fis-seduta tal-14 ta' Lulju, 2014) li l-appellanti jsostnu fuqha sabiex isejsu l-aggravju tagħhom, jirriżulta li hija ma kinitx taf lit-testatriċi minn qabel. Xehdet li t-testatriċi kienet qiegħda titkellem, però mhux ċar, iżda setgħet tifhimha u kienet ċara f'dak li riedet tgħid. Tixhed li bdiet tistaqsiha kinitx ċerta li riedet tħalli lill-konvenuta. Tgħid li staqsitha ħafna mistoqsijiet u li t-testatriċi bdiet twieġeb. In-Nutar tixhed li ppruvat iġġib lil Anna Bugeja daharha mal-ħajt biex tkun ċerta li riedet tagħmel dak li kienet qiegħda tgħid. Fl-istess ħin, in-Nutar tixhed li ma tiftakarx kif it-testatriċi semmitilha l-ismijiet imniżżla fit-testment u lanqas jekk kellhiex ritratt ta' wliedha. Dwar id-dettalji tal-proprjetà tgħid li probabbilment ġabithom minn fuq il-karti li ngħatat dakinhar stess. Xehdet li Anna Bugeja baqgħet trid tara d-deheb u għajtet lit-tifla biex iġġibilha d-deheb biex żgur tkun ċerta u tikkonferma li d-deheb se tieħdu hija. In-Nutar qaltilha li ma kienx hemm bżonn. Tgħid li bdiet titkellem kif kienet titkellem hi, *«ħafna drabi*

*staqsejtha jiena.»* Staqsietha kif trid tħalli lit-tfal l-oħra iżda baqgħet issostni li riedet tħalli lill-konvenuta. Indunat li din it-tifla bdiet tieħu ħsieb kollox hi. Ma tiftakarx jekk it-testatriċi qaltilhiex hi li l-konvenuta ħadet ħsiebha kollox hi. Tgħid li staqsietha ħafna affarijiet u damet ħafna aktar mis-soltu. Tgħid li preżenti kien hemm bħala xhieda n-Nutar Joe Cilia u Dr Rachel Samantha Muscat. Fil-kontroeżami, in-Nutar Navarro xehdet li t-testatriċi ma tistax tgħid sentenzi fit-tul imma li tista' tiftiehem. Jekk issaqsiha taf żgur x'inhi tagħmel. Tgħid li kieku sabet imqar minimament li t-testatriċi ma kinitx taf x'inhi tagħmel kienet tieqaf.

45. In-Nutar Joe Cilia xehed (fl-14 ta' Lulju, 2014) li d-diskors tat-testatriċi ma kienx normali għaliex kienet tbati ftit biex titkellem aktar, *«però kienet ċara ħafna f'dak kollu li tgħidlek.»* Mistoqsi jekk it-testatriċi identifikatx il-proprjetà u l-ulied u l-eredi, wieġeb li aktar probabbli li qalithom hi. Ma kinitx titkellem ċar però kienet ċara f'dak li trid.

46. It-Tabib Raymond Sciberras xehed li t-testatriċi kienet ilha pazjenta tiegħu għal xi erbgħin sena. Fisser li l-eżami li għamlilha kien rigward il-ħin, il-ġurnata, kemm għandha żmien sabiex jistabbilixxi li kienet 'konxja kompletament'. Xehed ukoll li waqt l-eżami mediku tiegħu t-testatriċi ma tkellmitx iżda wieġbet bis-sinjali, billi tindika jekk hux qiegħda tirrispondi iva jew le. Ikkonferma li l-puplesija kienet affettwatilha d-diskors u b'hekk ma setgħetx titkellem. Jgħid li huwa għamlilha mistoqsijiet jekk riditx tħalli

l-affarijiet lil persuna partikolari u hi twieġeb iva jew le. Jixhed li kien jaf li hija kellha raġuni għalfejn riedet hekk għaliex il-konvenuta kienet tieħu ħsiebha.

47. Illi din il-Qorti lanqas ma tista' twarrab il-fatt li l-eżami mwettaq mit-Tabib Raymond Sciberras, li hu *general practitioner,* kien jikkonsisti fit-testatriċi li ġiet mistoqsija l-ħin, il-ġurnata, u kemm għandha żmien. Apparti mill-fatt li t-testatriċi ma kinitx titkellem kważi xejn, dan l-eżami, jekk jista' jissejjaħ hekk, kien wieħed li qajla jista' jingħad li setgħet tiġi magħrufa l-kapaċità testamentarja tagħha. Hekk ukoll kif ikkummentat l-Ewwel Qorti anke ċ-ċertifikat maħruġ minnu jikkonsisti biss fi ftit kliem u għalhekk huwa xott għall-aħħar.

48. Dan b'differenza pereżempju ta' dak li rriżulta f'kawża deċiża minn din il-Qorti fil-15 ta' Novembru, 2023 fl-ismijiet ***Angelo Saliba et v. Josephine Saliba*** li:

> *«Sa fejn imbagħad għandu x'jaqsam maċ-ċertifikat li kien mehmuż flimkien mat-testment, il-Qorti rat li minn dak iċ-ċertifikat jirriżulta li fil-jum ta' qabel ma sar it-testment, il-psikjatra Vella Baldacchino wettaq "mental state examination" fuq it-testatriċi Josephine Camilleri u dan sabiex jistħarreġ jekk din kinitx mogħnija bil-kapaċità testamentarja. F'dak iċ-ċertifikat, il-psikjatra fisser li matul dak l-eżami, huwa sab lit-testatriċi "alert and orientated to time, place and person", u filwaqt li osserva li hija kienet kapaċi li tirrispondi b'mod tajjeb u koerenti għall-biċċa l-kbira tal-mistoqsijiet li għamliha, b'mod partikolari innota wkoll li "she was able to explain the significance of drafting a will. She was able to remember names of relatives and extent of her estate". Fl-aħħar nett, il-psikjatra Vella Baldacchino għalaq iċ-ċertifikat tiegħu billi niżżel li Josephine Camilleri "was found to be free of any psychiatric illness that impairs her cognitive functioning. Her judgment and cognitive function were well*

> *preserved", u li fil-fehma tiegħu din kellha l-kapaċità testamentarja sħiħa.»*

49. Il-Qorti tal-Appell kompliet tfisser li għalkemm li mhuwiex xi prova li ma tistax tiġi kontestata, huwa mifhum li ċ-ċertifikat ta' psikjatra jipprovdi prova b'saħħitha fl-eventwalità li jiġi kontestat it-testment fuq ir-raġuni tal-inkapaċità mentali tat-testatur (ara f'dan is-sens is-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Anton Ellul et v. Maria Busuttil et*** ikkonfermata minn din il-Qorti fit-18 ta' Lulju, 2017). F'dak il-każ, il-Qorti tal-Appell sabet li l-atturi appellati ma ressqu l-ebda prova konkreta sabiex jirribattu l-fehmiet professjonali tal-psikjatra Vella Baldacchino, u għaldaqstant dehrilha li l-Ewwel Qorti żbaljat meta warrbet is-saħħa probatorja ta' dak iċ-ċertifikat u dan fuq il-kunsiderazzjoni li l-psikjatra Vella Baldacchino ma setax jgħid jekk it-testatriċi kellhiex xi kundizzjoni li tagħmilha inkapaċi li tieħu ħsieb ħwejjiġha.

50. Il-Qorti tal-Appell kompliet tfisser li l-osservazzjonijiet li tniżżlu mill-psikjatra Vella Baldacchino kienu jsibu wkoll sulliev fil-kotba tal-psikjatrija. Pereżempju fil-ktieb ***'Shorter Oxford Textbook of Psychiatry'***, ippubblikat mill-istamperija tal-Università ta' Oxford, l-awturi ***Cowen, Harrison u Burns*** jiktbu li:

> *«In order to decide whether the testator is of sound disposing mind, the doctor should decide whether the person making the will: understands what a will is and its consequences knows the nature and extent of his property (although not in detail) knows the names of close relatives and can assess their claims to his property is free from an abnormal state of mind that might distort feelings or judgments relevant to making the will*

*(a deluded person may legitimately make a will, provided that the delusions are unlikely to influence it (P. Cowen, P. Harrison, T. Burns, 'Shorter Oxford Textbook of Psychiatry', is-sitt edizzjoni, Oxford University Press, paġna 8).»*

51. Irid jiġi ċċarat ukoll dwar in-natura taċ-ċertifikat mehmuż ma' testment li għalkemm ma jkunx maħruġ mingħand psikjatra ma jfissirx li ċ-ċertifikat mhux validu. Tassew il-liġi nostrana ma tirrikjedix li testment ikollu mehmuż miegħu ċ-ċertifikat mediku, u għalhekk testment m'għandux jiġi dikjarat null għaliex ċertifikat ma ħax forma fuq oħra (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***Rosina Cassar et v. Philip sive Pinu Azzopardi*** maqtugħa fil-21 ta' Jannar, 2025).

52. Biss fil-każ tagħna rriżulta li dan iċ-ċertifikat għandu jitwarrab għaliex ma jirriflettix stampa sħiħa tal-istat mentali attwali tat-testatriċi. Barra minn hekk, l-Espert Mediku Anthony Galea Debono ma jħalli l-ebda dubju li t-testatriċi ma kinitx kapaċi li tiddisponi minn ħwejjiġha. Din il-Qorti mhux biss taqbel mal-għarbiel li wettqu l-esperti tax-xhieda mressqa, iżda wkoll semgħet ir-*recordings* u rat il-*videos* ippreżentati fl-atti li aktar u aktar jikkonvinċuha li t-testatriċi ma setgħet qatt tkun daqstant artikolata fi kliemha jew fil-ġesti tagħha li tfisser dak kollu li nkiteb. Dan naturalment jixħet dell qawwi ta' dubju fuq ix-xhieda tan-Nutara Navarro u Cilia, kif fl-aħħar mill-aħħar ikkonstataw l-istess esperti maħtura mill-Ewwel Qorti.

53. Illi verament huwa magħruf sewwa fil-ġurisprudenza li waħda mill-aktar provi b'saħħithom dwar l-istat li fih ikun jinsab it-testatur fil-mument li jkun qiegħed jagħmel it-testment hija x-xhieda tan-nutar li quddiemu jkun sar dak it-testment u dan għaliex, fl-aħħar mill-aħħar, huwa dan li jista' josserva l-imġiba tat-testatur fil-ħin li jħoll u jorbot kollox (ara f'dan is-sens, ***Anthony Scicluna v Antonia Dalli***, deċiża minn din il-Qorti fit-23 ta' Novembru, 2020; u ***Angelo Saliba et v. Josephine Saliba,*** deċiża wkoll minn din il-Qorti fil-15 ta' Novembru, 2023). Biss però, kif rajna, kemm abbażi ta' provi fl-atti li diġà saret referenza għalihom u kif ukoll abbażi tal-konklużjonijiet tal-esperti maħtura mill-Ewwel Qorti x-xhieda tan-Nutar Antonella Navarro riedet titwarrab.

54. Punt ieħor li tajjeb li jrid jiġi kkunsidrat huwa r-raġonevolezza tad-dispożizzjonijiet kontenuti fit-testment, li hija waħda mill-kriterji li għandhom iwasslu lill-ġudikant biex jiddeċiedi dwar l-insanità mentali jew le tat-testatur, jiġifieri biex jiddeċiedi jekk fil-waqt li kien qiegħed jagħmel it-testment, it-testatur kellux kuxjenza biżżejjed ta' dak li kien qiegħed jagħmel u volontà li jiddetta dawk id-dispożizzjonijiet li hemm fit-testment (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***Angelo Abela et v. George Abela et*** maqtugħa fil-5 ta' Ottubru, 2023).

55. Għalhekk ma jridx lanqas jitwarrab il-fatt li t-testment magħmul u li qiegħed jiġi attakkat ifalli wkoll mit-test tar-raġonevolezza. It-testment ma

kienx wieħed sempliċi. Filwaqt li din il-Qorti tista' taċċetta li dettalji dwar proprjetà jittieħdu minn kuntratti oħra, iżda li Anna Bugeja setgħet taħseb tgħid u tesprimi li dawk il-proprjetajiet riedet tħallihom lill-konvenuta, il-legat ta' ħaġa ta' ħaddieħor, u saħansitra li ħasbet li tħalli d-dritt ta' użu u abitazzjoni lill-konvenuti neputijiet, u li tħalli ċ-ċnus li jmissu lilha u saħansitra sehemha mill-wirt tal-ġenituri tagħha huwa inkonċepibbli meta huwa ovvju anke mir-*recordings* u l-*videos* li ġew esibiti li bilkemm kienet tlissen kelma, iżda aktar minn kollox ħsejjes. Ma jistax ikun li t-testatriċi esprimiet dawk il-fehmiet. Fuq kollox, ġie ppruvat ukoll li t-testatriċi għalkemm kienet tifhem meta mitkellma, iżda affarijiet sempliċi u mhux affarijiet kumplikati. Ċertament it-testment inkwistjoni ma jistax jitqies bħala sempliċi.

56. Fuq kollox, meta jitqies li Anna Bugeja kienet ilha marida serjament għall-aħħar tliet snin u ftit xhur ta' ħajjitha u li, kif qalet l-Ewwel Qorti, sal-jum tal-mewt tagħha kienet għadha f'relazzjoni tajba ma' wliedha kollha jew neputijiet li kienu jżuruha u jgħinuha wkoll, ma kienx hemm raġuni vera għalfejn kellha tagħmel dak it-testment. Kien ikun mod ieħor, kieku ppreferiet bi ftit lill-konvenuta bi prelegat ta' xi ammont ta' flus jew proprjetà minnhom b'valur modest, iżda mhux it-testment li sar. Għalkemm ġie ddikjarat li l-konvenuta u wliedha pprestaw serviġi lit-testatriċi matul ħajjitha kollha, lanqas l-iċken prova ma tressqet dwar dan. Verament ma kienx l-iskop ta' din il-kawża li titwettaq xi indaġni dwar jekk

ġewx imwettqa serviġi, iżda mill-atti ma jirriżultax li t-testatriċi kienet fi stat ta' saħħa ħażina matul ħajjet bintha l-konvenuta u wliedha, tant li kellha dejjem bżonn l-għajnuna. Anzi rriżulta wkoll li l-atturi kienu wkoll imiddu jdejhom fejn meħtieġ u kienu jżuru lill-istess Anna Bugeja.

57. Għaldaqstant m'hemmx dubju li l-atturi rnexxilhom jippruvaw dak allegat minnhom. Jiġi b'hekk li dawn l-aggravji se jiġu miċħuda.

***Decide***

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell imressaq mill-konvenuti, bl-ispejjeż kollha kontra tagħhom.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss